

Brussell, 27 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15864/25

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0555 (COD)

---

---

COMPET 1227	ECOFIN 1599
IND 540	COH 229
MI 946	INDEF 164
CADREFIN 333	CULT 140
FIN 1445	CYBER 344
RECH 515	JAI 1761
ESPACE 90	DIGIT 252
CONSOM 269	DATAPROTECT 310
DUAL USE 54	FREMP 353
EDUC 472	RELEX 1546
TELECOM 426	COPS 624
ENER 618	UD 286
ENV 1268	AUDIO 123
CLIMA 554	PROCIV 164
AGRI 640	IPCR 86
TRANS 583	MAP 140
SAN 768	FISC 342
PHARM 173	CODEC 1904
BIOTECH 39	IA 205
POLMIL 379	CSC 617
POLGEN 208	

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Nru dok. Cion: 11770/1/25 REV 1

---

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, (UE) [EDIP]  
*- Rapport ta' progress*

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta<sup>1</sup> għal Regolament imsemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Il-proposta hija parti mill-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-perjodu 2028-2034. L-objettiv tal-abbozz ta' Regolament huwa li jikkonsolida 14-il strument ta' finanzjament individwali fil-QFP attwali f'qafas uniku għall-investment biex tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea fit-teknoloġiji u s-setturi strateġiċi.
3. Il-Parlament Ewropew irrefera l-fajl lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE), li ħatar lil Christian Ehler (PPE, DE) u Dan Nica (S&D, RO) bħala korapporteurs.
4. Il-Presidenza Daniża talbet l-opinjoni jiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddeċieda li jistabilixxi sottogrupp tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) fil-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP.
6. Matul il-Presidenza Daniża, ġew organizzati 21 laqgħa tas-sottogrupp biex jiddiskutu l-proposta, il-valutazzjoni tal-impatt u diversi testi ta' kompromess tal-Presidenza.
7. Il-Presidenza Daniża strutturat id-diskussjonijiet kif ġej:
  - a) il-parti orizzontali (il-Kapitoli I, II u III) ġiet diskussa bir-reqqa;
  - b) it-twieqi ta' politika (il-Kapitoli IV sa VII) ġew diskussi darbtejn kull waħda;
  - c) l-artikoli u l-premessi bejn parentesi ma ġewx diskussi fis-sottogrupp tal-FEK iżda ġew riferuti lura lill-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP.

---

<sup>1</sup> 11770/1/25 REV 1.

8. Il-Presidenza Daniża talbet l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill dwar il-partijiet tat-test li jindirizzaw is-sigurtà tal-informazzjoni, jiġifieri l-Artikolu 13 (Applikazzjoni tar-regoli dwar informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva), l-Artikolu 51(9) u (10) (Regoli tal-eliġibbiltà kumplimentari għall-għotjiet), l-Artikolu 55 (Regoli addizzjonali applikabbli dwar informazzjoni klassifikata), l-Artikolu 69 (Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u parteċipazzjoni għall-preservazzjoni tas-sigurtà, l-integrità u r-reżiljenza tas-sistemi spazjali operazzjonali tal-Unjoni), l-Artikolu 77(2), il-punt (d) (Prinċipji ta' governanza) u l-Artikolu 78 (Regoli komplimentari dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata). Il-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill ta opinjoni parzjali<sup>2</sup> fit-18 ta' Novembru 2025, li tqieset fl-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza.
9. Il-Presidenza Daniża ppreżentat tliet testi ta' kompromess tal-Presidenza dwar il-parti orizzontali u l-ewwel test ta' kompromess tal-Presidenza dwar it-twieqi ta' politika u l-premessi.

### III. PROGRESS TAL-ĦIDMA MATUL IL-PRESIDENZA DANIZA

10. L-eżami tal-**parti orizzontali** wassal għal tliet testi ta' kompromess li jindirizzaw l-aktar kwistjonijiet urġenti li tqajmu mid-delegazzjonijiet. Dawn irriżultaw fi progress fuq diversi suġġetti fil-partijiet mhux bejn parentesi tal-proposta.
11. L-**objettivi ġenerali** ġew aġġustati. Il-Presidenza tqis li dawn l-aġġustamenti jirriflettu b'mod ġenerali t-talbiet mid-delegazzjonijiet.
12. Id-delegazzjonijiet kellhom diversi xewqat għall-**attivitajiet speċifiċi** tat-twieqi ta' politika. Il-Presidenza qieset il-kummenti kollha u ppreżentat l-ewwel test ta' kompromess dwar l-erba' twieqi ta' politika u l-objettivi speċifiċi relatati.

---

<sup>2</sup> 15548/25.

13. Kien hemm riżervi estensivi dwar il-**governanza tal-fond**. Il-Presidenza esplorat diversi modi kif tista' tipprevedi rwol aktar b'saħħtu għall-Istati Membri. Il-proċedura ta' eżami ġiet miżjuda għall-proċeduri kollha ta' kumitat. Qed jiġi propost li l-Kumitat Ġenerali tal-FEK jaqdi rwol addizzjonali barra mill-komitoloġija, fejn jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar suġġetti rilevanti u dwar id-direzzjoni strateġika ġenerali tal-FEK. Ħafna dispożizzjonijiet ġew aġġustati biex it-test jiġi ċċarat aktar f'termini tad-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni, filwaqt li tinżamm il-flessibbiltà meħtieġa tal-FEK.
14. Kien hemm diversi talbiet biex **ir-Regolament jiġi ċċarat aktar**. L-aħħar test ta' kompromess tal-Presidenza għamel it-test aktar ċar, aktar konċiż, u strutturat aħjar. B'mod partikolari, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jiċċara **l-komplementarjetajiet u s-sinerġiji** bejn il-FEK u fondi u programmi oħra tal-UE u l-koordinazzjoni tagħhom.
15. Id-delegazzjonijiet talbu wkoll li jiġi ċċarat liema regoli japplikaw għall-**attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni** u suġġetti rilevanti oħra fid-dawl tar-**rabta mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa**. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jiċċara dan, inkluż f'termini tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni u ta' eliġibbiltà, ir-regoli għall-assoċjazzjoni, il-kumitati ta' evalwazzjoni u r-rabta mal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni.
16. L-Istati Membri talbu wkoll iż-żieda ta' **kriterji ġenerali għall-aġġudikazzjoni**. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jdaħħal Artikolu 9a ġdid li jistipula l-qafas biex jiġu stabbiliti l-kriterji għall-aġġudikazzjoni fil-programmi ta' ħidma, fejn applikabbli, skont x'forma jieħu l-appoġġ tal-UE. Il-qafas huwa marbut mill-qrib mal-oġġettivi ġenerali tal-FEK fl-Artikolu 3.
17. Ħafna delegazzjonijiet talbu li **jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi**. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jsaħħaħ il-partijiet rilevanti tar-Regolament kif meħtieġ u jevita ż-żieda ta' kwalunkwe element li jgħoq piżijiet bla bżonn.
18. Id-delegazzjonijiet talbu wkoll li jkun hemm **aktar enfasi fuq l-SMEs**. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jżid elementi li jappoġġaw lill-SMEs, b'mod partikolari fil-programmi ta' ħidma u f'sejħiet iddedikati.

19. Kien hemm talbiet ġenerali għal aktar ċarezza f'termini tal-**istrument InvestEU tal-FEK**. Il-Presidenza talbet lill-Kummissjoni għal noti tekniċi u organizzat seminar tekniku biex tiċċara l-funzjonament tal-istrument InvestEU propost tal-FEK. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jsaħħaħ l-allinjament mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament InvestEU eżistenti; barra minn hekk, il-Grupp tal-BEI ngħata rwol aktar b'saħħtu, u ġew iċċarati d-dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ għall-iscale-ups.
20. Id-delegazzjonijiet appellaw ukoll li jkun hemm enfasi aktar qawwija fuq **l-istimolu u l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat**. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jsaħħaħ il-partijiet rilevanti tar-Regolament kif meħtieġ.
21. Bi tweġiba għat-talbiet mid-delegazzjonijiet, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jiċċara d-dispożizzjonijiet dwar **il-konsulenza għall-proġett tal-FEK u l-appoġġ tal-UE għan-Negożji**, itejjeb ir-rabta bejn l-għarfien espert taċ-ċentru ta' konsulenza eżistenti tal-InvestEU u n-Network "UE għan-Negożji" futur, u jiżgura enfasi aktar b'saħħitha fuq l-istabbiliment ta' sinerġiji mal-istrutturi nazzjonali eżistenti.
22. Fl-aħħar nett, bi tweġiba għat-talbiet biex l-investimenti fil-kompetittività jiġu akkoppjati ma' investimenti **soċjali** u tittejjeb id-dimensjoni soċjali tat-test, it-test ta' kompromess tal-Presidenza jsaħħaħ il-partijiet rilevanti tar-Regolament kif xieraq.

#### **IV. KWISTJONIJIET PENDENTI**

23. Għadd ta' **kwistjonijiet orizzontali** ma ġewx indirizzati billi jinsabu bejn parentes i u ġew riferuti lill-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc orizzontali dwar il-QFP sabiex jiġu riżolti b'mod konsistenti għall-proposti kollha relatati mal-QFP.
24. Ħafna dettalji fil-kapitoli orizzontali u xi kwistjonijiet ġuridiċi pendenti għad iridu jiġu diskussi taħt il-Presidenza Ċiprijotta.
25. Rigward it-**twieqi ta' politika** kollha, l-ewwel test ta' kompromess tal-Presidenza ġie eżaminat abbażi ta' kummenti mid-delegazzjonijiet. Id-dispożizzjonijiet dettaljati dwar it-twieqi ta' politika ser jiġu soġġetti għal aktar diskussjoni sabiex isir progress fl-abbozzar.

## V. KONKLUŻJONIJIET

26. Sar progress tanġibbli fl-eżami tekniku tal-proposta. Id-diskussjonijiet dwar l-elementi orizzontali jinsabu fi stadju avanzat u beda l-eżami tat-twieqi ta' politika u tal-premessi.
27. Il-Presidenza Daniża:
- żgurat rwol aktar b'saħħtu għall-Istati Membri;
  - saħħet l-enfasi fuq l-istimolu u l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat;
  - illimitat il-piżijiet amministrattivi;
  - saħħet l-enfasi fuq l-SMEs;
  - iċċarat id-dispożizzjonijiet dwar il-konsulenza għall-proġett tal-FEK u l-appoġġ għan-negożju;
  - żgurat rwol aktar b'saħħtu għall-Grupp tal-BEI;
  - introduċiet kriterji ġenerali għall-aġġudikazzjoni;
  - iċċarat ir-rabtiet mar-Regolament dwar Orizzont Ewropa;
  - saħħet id-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji ma' fondi u programmi oħra tal-UE;
  - tejbet l-istruttura ta' diversi artikoli;
  - ipprovdiet bażi aħjar għad-diskussjonijiet li ġejjin dwar it-twieqi ta' politika.
28. Is-sottogrupp tal-FEK tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar il-QFP ser ikompli l-eżami tiegħu tal-abbozz ta' Regolament taħt il-Presidenza Ċiprijotta.
29. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress dwar l-il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u jibagħtu lill-Kunsill.
30. Il-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress.